**L-ARĊIDJOĊESI TA' MALTA**

www.knisja.mt

RITRATTI TAL-VIŻTA PASTORALI: **www.knisja.mt/ritratti**

# Viżta Pastorali fil-Parroċċa tal-Iklin

VITAM ALERE CARITATE



9 – 14 TA' MARZU 2019

## Messaġġ ta' Mons. Isqof Awżiljarju Joseph Galea-Curmi fl-okkażjoni tal-Viżta Pastorali fil-Parroċċa tal-Familja Mqaddsa, l-Iklin

Għeżież membri tal-parroċċa tal-Iklin, huwa ta' ferħ kbir għalija li se niġi għall-Viżta Pastorali f'din il-parroċċa għażiża.

Il-komunità parrokkjali tagħkom, taħt il-ħarsien tal-Familja Mqaddsa, ftit ġranet oħra tagħlaq erbatax-il sena mwaqqfa bħala parroċċa. F'dawn is-snin kompliet tikber u tiżviluppa.

Fl-2009 kienet saret l-ewwel Viżta Pastorali mill-Arċisqof ta' dak iż-żmien, Mons. Pawlu Cremona O.P. Għaxar snin wara se jkolli l-opportunità niltaqa' magħkom bħala komunità, u magħkom bħala Nsara li tgħixu f'din il-parroċċa.

Matul il-Viżta Pastorali nixtieq nara mill-qrib ir-realtà li qed tgħixu bħala komunità Nisranija llum, fid-dawl tal-iżviluppi li seħħew mill-Viżta Pastorali tal-2009. Se niltaqa' mat-tfal, mal-adolexxenti, maż-żgħażagħ, mal-familji, mal-anzjani u mal-morda. Se niltaqa' wkoll ma' dawk kollha li qed jagħtu sehemhom b'mod volontarju u b'ħafna dedikazzjoni f'oqsma differenti ta' ħidma għall-ġid tal-oħrajn.

F'dawn il-jiem se nitolbu flimkien, nisimgħu lil xulxin u nagħrfu l-ħafna sabiħ u tajjeb li qed jiffjorixxi f'din il-komunità. Nistedinkom biex flimkien nidentifikaw l-isfidi u l-opportunitajiet ġodda fil-ħidma pastorali biex din il-ħidma tissaħħaħ u nwieġbu għal dak li qed jitlob minna l-Mulej illum.

Nixtieq li ż-żjara tiegħi fostkom tkun esperjenza sabiħa għalina lkoll u tgħinna biex ngħożżu l-ħajja bl-imħabba. Għal dan nixtieqkom titolbu, b'mod speċjali fil-ġranet ta' tħejjija għal din il-Viżta Pastorali.

Il-Mulej iberikkom.

✠ Joseph Galea-Curmi
Isqof Awżiljarju ta' Malta



**IS-SIBT 9 TA' MARZU**

| | |
|---|---|
| 4:15 pm | L-Isqof jiltaqa' mal-Kummissjoni Tfal u Abbatini fis-sala parrokkjali |
| 4:45 pm | Il-laqgħa tkompli mal-leaders u l-ġenituri |
| 5:30 pm | L-Isqof jamministra s-Sagrament tal-Qrar fil-Knisja Parrokkjali |
| 7:45 pm | L-Isqof jiċċelebra Quddiesa maż-żgħażagħ u l-adolexxenti tal-parroċċa fil-Knisja Parrokkjali |
| 9:00 pm | L-Isqof jiltaqa' b'mod informali maż-żgħażagħ |

**IL-ĦADD 10 TA' MARZU**

| | |
|---|---|
| 8:30 am | L-Isqof jattendi għal working breakfast mal-membri tal-Kunsill Pastorali Parrokkjali |
| 10:00 am | L-Isqof jiltaqa' ma' ġenituri żgħażagħ fis-sala parrokkjali |
| 11:15 am | L-Isqof jiċċelebra Quddiesa għat-tfal u l-ġenituri fil-Knisja Parrokkjali |

**IT-TNEJN 11 TA' MARZU**

| | |
|---|---|
| 6:15 pm | L-Isqof jagħmel mixja mal-parroċċa |
| 7:15 pm | L-Isqof jiltaqa' mal-membri tal-Kunsill Lokali fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali |

**IL-ĦAMIS 14 TA' MARZU**

| | |
|---|---|
| 4:15 pm | L-Isqof ibierek il-Prayer Spaces tar-Randan 2019 fis-sala parrokkjali u jitlob mat-tfal |
| 4:30pm | L-Isqof iżur il-klassijiet tal-katekiżmu u jiltaqa' mat-tfal li ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof |
| 5:15pm | L-Isqof jiltaqa' mal-katekisti fis-sala parrokkjali |
| 6:45pm | L-Isqof jiltaqa' mal-operaturi pastorali fis-sala parrokkjali |